# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 18 ta' Frar 2000**

**Numru 29**

**Citaz. numru 1115/93 DS**

Joseph Agius
vs
George Wells u Alex Galea ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ ‘Stainless Steel Products Limited

Illum, 18 ta’ Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta’ Awissu 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa jahdem mas-socjeta' konvenuta bhala machine operator u ilu jahdem mal-konvenuti nomine ghal 21 sena.

Illi fl-14 ta' Settembru 1992 l-attur kien involut f'incident fuq ix-xoghol liema incident gara tort unikament tas-socjeta' konvenuta minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti meta fost affarijiet ohra l-konvenuti nomine ma pprovdewx ambjent tax-xoghol sikur skond kif tirrikjedi l-ligi.

Illi minhabba f'tali incident l-attur sofra danni permanenti u personali, ta' natura "lucrum cessans" kif ukoll danni ta' "damnum emergens" kif se jirrizulta waqt is-smigh u trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuti nomine interpellati formalment skond ittra tat-13 ta' Lulju 1993 biex jersqu ghal likwidazzjoni tad-danni izda inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident tal-14 ta' Settembru 1992 fejn wegga l-attur gara tort unikament tal konvenuti nomine minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur hekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenuti nomine ihallsu d-danni likwidati lill-attur.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni u bl-imghax.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi l-esponenti nomine ma kienu b'ebda mod traskurati, negligenti jew qatt hadmu minghajr tharis tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol jew naqsu milli jaghtu is-sigurta necessarja fuq il-post tax-xoghol.

2. Salvi eccezzjonijet ohra.

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat Dr. Ramon Rossignaud bhala perit legali bl-assistenza tal-perit mediku Dr. Frederick Zammit Maempel;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa fl-20 ta’ Mejju 1998;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Settembru 1998 fejn, fuq talba ta’ l-attur ghan-nomina ta’ periti addizzjonali medici, gew nominati Dr. Victor Sultana, Dr. Anthony Bernard u Dr. Charles Grixti;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

RESPONSABBILTA'

L-attur fl-affidavit tieghu spjega kif sehh l-incident li minnu sofra d-debilita' permanenti. Huwa xehed li s-sink kien poggieh warajh, dan waqa' u gie fuq siequ l-leminija fuq wara u li meta hass hekk tajjar il-pjanca minn idejh u fl-istess hin tajjar is-sink li kien waqa' fuq siequ bis-sieq l-ohra fejn ukoll sofra griehi. Il-griehi magguri kienet dik ta' taht il-pexxun ta' siequ l-leminija u sad-data tax-xiehda tieghu din marret lura hafna u naqset fil-funzjoni taghha. Huwa xehed illi dan l-incident sehh minhabba diversi fatturi: Notevolment l-ambjent xejn sigur li fih kienu jahdmu l-haddiema tal-fabbrika u cioe:

1 is-shana li kienu jarmu l-makkinarji u n-nuqqas ta' arja friska adegwata;

2. in-nuqqas ta' spazju fejn haddiem seta' jghaddi jew jimmanuvra xoghlu - in-nuqqas ta' spazju fejn setghu jghaddu l-ingenji gewwa l- fabbrika;

3. il-hmieg u z-zlieq mal-art tal-fabbrika;

4. magni difettuzi li jithallew jinhadmu mill-haddiema xorta wahda.

5. it-trolley li kien qed jahdem bieh kien difettuz.

Skond l-attur il-management kien konxju bil-problema u wara l-incident saru xi spostamenti ta' oggetti u miljorament fuq il-post tax-xoghol.

Stephen Attard, haddiem prezenti waqt l-incident, ikkonferma illi meta sehh l-incident il-karru kien wara l-attur (fol 35). Huwa ppreciza illi meta l-attur pogga s-sink fuq it-trolley li kien warajh, "is-sink dahal gox-xaqq ta' l-injama u gheleb fuq Joe Agius".

Dwar l-ilbies prottettiv

L-attur fl-affidavit tieghu xehed illi l-management qatt ma kienu jinsistu illi dan jintlibes u s-safety shoes huwa ma kienx jilbsu minhabba li s-shana gewwa l-fabbrika ma tippermettix li dan jintlibes is-sena kollha; inoltre huwa ma libisx is-safety shoes minhabba ragunijiet personali tieghu.

Dan ma jfissirx illi l-kumpanija ghandha tirrispondi ghall-korriment tal-haddiem meta huwa jkun talab ezenzjoni minn dan l-obbligu.

Stephen attard prodott mill-attur xehed illi l-haddiema kienu jinghataw ilbies protettiv u illi l-haddiema fuq it-tip ta' xoghol li kien jahdem l-attur kienu jinghataw safety shoes. ("safety boots" kienu jintuzaw mis-seal welders). Dak in-nhar tal-incident l-attur, kif ukoll konfermat mix-xhud Stephen Attard (34). Alex Galea (125), Joseph Farrugia (141) u Theresa Cassar (144), kien liebes sandli. Stephen Attard, Alex Galea u Joseph Farrugia xehdu ukoll illi l-attur ma kienx liebes ilbies protettiv, izda T-shirt/qmis bil-komma qasira, shorts u sandli.

Alex Galea li sal-1994 kien direttur tekniku tas-socjeta' konvenuta xehed illi l-kumpanija kienet tipprovdi ilbies protettiv lill-haddiema taghha u kif kienet obbligata li taghmel skond il-Ftehim Kollettiv. Huwa pproduca fotokopja ta' dokument li juri li l-kumpanija kienet ikkonsenjat lill-attur safety shoes fl-1987. L-ilbies protettiv kien disinjat b'mod illi l-ebda parti minn gisem il-haddiem tkun mikxufa. (fol. 128)

Dwar it-trolley

Hemm konflitt bejn ix-xiehda ta' Stephen Attard illi xehed illi wara l-incident kienu poggew kartoncin fuq il-wicc tal-karru u x-xiehda ta' Alex Galea a fol. 127 " il-management qatt ma ta ordni biex jitpogga kartun fuq it-trollies." Stephen Attard li kien prezenti mal-attur xehed illi l-attur kien pogga s-sink fuq it-trolley warajh, u dan kien dahal fix-xaqq tal-injama u zelaq ghal fuq siequ. (fol. 35) Ghalkemm il-konvenuti ma ressqux provi illi dak it-trolley partikolari ma kienx difettuz (kif allega l-attur), Alex Galea xehed illi t-tip ta' trolley li kien intuza mill-attur kien ikkostruwit "biex is-sinks jitpoggew fih fil-wisa' taghhom vertikalment, b'mod illi dawn ma jiccaqalqux peress li t-trolley hu disinjat fl-istess wisa' ta' sink." (127). Hemm konflitt ukoll bejn ix-xiehda ta' Galea u Attard dwar in-numru ta' sinks li kienu stakkjati fuq il-karru dak in-nhar. Alex Galea xehed illi l-kumpanija kienet tat direttivi lill-haddiema taghha sabiex it-trolley ikun fuq il-lemin taghhom, mentri l-attur (kif jirrizulta mix-xhieda ukoll) kien poggieh warajh.

Il-konkluzjoni illi l-attur ma kienx iwegga' kiekuressaq it-trolley fuq il-lemin tieghu mhux warajh tista' ma tkunx wahda korretta u gusta ghaliex ghalkemm kif xehed il-konvenut Alex Galea (128) din kienet direttiva (u skond il-Ftehim Kollettivil-haddiema huma obbligati li dawn jobduhom) il-konvenut ma gabx prova sodisfacenti illi turi specifikament illi l-posizzjoni tat-trolley kif spjegat kienet direttiva mill-kumpanija.

Dwar il-collective agreement

L-azzjoni promossa mill-attur mhix wahda ex contractu, ibbazata fuq ksur ta' xi artikolu tal-Ftehim Kollettiv. L-attur fit-talbiet tieghu qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' responsabbilta' tal-konvenuti nomine u rizarciment ghad danni sofferit minnu.

ghaldaqstant huma applikabbli l-artikoli tal-Kodici Civili u l-principji derivanti. Il-Ftehim Kollettiv xorta huwa dokument rilevanti u importanti sabiex ighin biex jistabilixxi r-responsabbilta totali jew parzjali bejn il-kontendenti. L-Artikolu 12 (fol 55, 56, 57) jirreferi ghall-Ilbies Protettiv. L-Artikolu jipprovdi illi l-haddiema huma obbligati jilbsu "l-overall" bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' April fil-hinijet kollha tax-xoghol. L-attur wegga' fl-14 ta' Settembru. Fil-kaz in ezami l-attur ma kienx obbligat jilbes l-overall fil-hinijiet kollha tax-xoghol izda l-istess artikolu jipprovdi illi (ix) "*Il-kumpanija m'ghandiex tinzamm responsabbli ghal xi danni b'rizultat ta' korriment li jsofri impjegat jekk l-impjegat imsemmi ghal xi raguni jew ohra ma jaghmilx uzu mill-ilbies protettiv u/jew apparat provdut mill-Kumpanija."* Ghalhekk il-konvenuti qeghdin jezimu ruhhom minn kull responsabbilta' f'kaz ta' korriment meta' l-impjegat ikun ghazel minn rajh illi ma jilbisx l-ilbies protettiv. Dan l-Artikolu huwa rilevanti biss ghall-enforzabilita' ta' l-artikolu 12 A (v). Dwar is-safety shoes. L-Artikolu 12 (B) jipprovdi illi l-kumpanija taqbel li tipprovdihom, u mix-xhieda prodotti u mid-dokument AG3 jirrizulta illi dawn kienet ikkonsenjathom lill-attur. Ghaldaqstant il-fatt illi minhabba ragunijiet personali medici tal-attur, huwa ghazel li ma jilbisx is-safety shoes (u li minhabba l-kundizzjoni li kellu f'saqajh ikun eligibbli ghall-ezenzjoni mill-kumpanija). Dan ma jfissirx illi l-kumpanija xorta tibqa' responsabbli ghal kull korriment li jista' jkollu. Il-kumpanija ma ggorx ir-responsabbilta' wara l-ghazla li jkun ghamel il-haddiem; li kieku kien hekk din kienet tkun inkluza bhala klawsola fil-Ftehim Kollettiv. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-kumpanija m'ghandiex iggorr responsabbilta'.

Dwar in-nuqqas ta' post sigur ghax-xoghol tal-haddiem, l-attur dan allegah fl'affidavit (flimkien mad-dokument li juri sketch tal-factory floor) tieghu izda ma gabx aktar provi biex dan jissostanzjah. Mill-provi prodotti mill-konvenuti jirrizulta illi l-modifiki li saru wara l-incident kienu immirati sabiex itaffu certu xoghol strapazzuz u jibbilancjaw ix-xoghol bejn il-haddiema u mhux sabiex l-ambjent ikun aktar sigur. Ghaldaqstant l-allegazzjoni ta' l-attur ma treggix.

Dan ighodd ukoll ghall-allegazzjonijiet ohra li ghamel l-attur dwar shana u magni difettuzi li ghalihom ma gab l-ebda prova.

Jibqa' l-fatt illi li kieku is-sink ma ghelibx ghal fuq l-attur l-incident ma kienx isehh. L-attur u Stephen Attard prodotti minnu kienu konsistenti fix-xiehda taghhom illi (fost allegazzjonijiet ohra li ghamel l-attur) is-sink gheleb minhabba l-fatt illi dan kien dahal go xaqq tal-injama tat-trolley. Huwa veru illi li kieku l-attur stakkja s-sink tajjeb kien ikun hemm probabilta' illi dan ma kienx jigri. Izda ghandu jigi kkunsidrat ukoll illi li kieku ma kienx hemm dan ix-xaqq is-sink ma kienx jeghleb. Il-konvenuti ma resqux provi dwar it-trolley involut fl-incident fis-sens illi dan kien "safe" bhall-ohrajn disinjati bhalu.

Ghalhekk minn banda ghandna nuqqasijiet li huma attribwibbli lill-attur u mill-ohra hemm in-nuqqas tal-konvenuti li jassiguraw li t-trolley kien adattat ghat-tip ta' sink li l-attur gie mitlub jaghmel.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li r-responsabbilta' ghandha tkun apporzjonata ugwalment bejn il-partijiet.

Fl-ahharnett jigi osservat li l-*culpa in vigilando* mhix applikabbli f'dan il-kaz.

LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI

Il-perit legali bbaza ruhu fuq paga bazika ta' Lm4800 fis-sena wara li ha in konsiderazzjoni l-introjtu ta' l-attur ghas-snin 1990 sa 1992, b'multiplier ta' sitt (6) snin u a bazi ta' persentagg ta' 6% dizabilita' permanenti.

Il-Qorti taqbel mal-figura ta' Lm4800 ghal dik li hija paga bazika, izda stante li meta gara l-incident l-attur kellu 53 sena, il-multiplier ghandu jkun ta' tmien (8) snin, tenut kont tal-hajja lavorattiva ta' l-attur. Barra minn hekk mir-relazzjoni tal-periti medici addizzjonali rrizulta li l-persentagg ta' dizabilita' huwa ta' 3%.

It-telf ta' qliegh futur ghalhekk irid jigi kkalkulat hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Lm4800 fis-sena ghal 8 snin | = | Lm38,400 |
| Dizabilita' permanenti 3% | = | Lm 1,152 |
| Responsabbilta' 50% | = | Lm 576. |

In vista tal-fatt li l-incident gara aktar minn sitt snin ilu u li l-ammont likwidat huwa relattivament zghir, mhux se jitnaqqas persentagg ghal "lump sum payment".

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara li l-incident tal-14 ta' Settembru 1992 fejn wegga' l-attur gara tort tal-konvenuti nomine f'persentagg ta' 50%,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm576, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur din is-somma ta' Lm576 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu nofs kull wiehed bejn il-kontendenti.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

Grazio Galea
D/Registratur